DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1326

tal-5 ta' Awwissu 2019

dwar l-istandards armonizzati għall-kompatibilità elettromanjetika abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), it-tagħmir elettroniku li jkun f'konformità mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, hu preżunt konformi mar-rekwiżiti essenzjali koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, stabbiliti fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016)7641 ([3]), il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (Cenelec) u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni (ETSI) għall-abbozzar, għar-reviżjoni u għat-tlestija ta' standards armonizzati għall-kompatibilità elettromanjetika b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE.

(3) Fuq il-bażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016)7641, is-CEN u s-Cenelec abbozzaw l-istandards armonizzati EN IEC 61058-1:2018 għas-swiċċijiet tal-apparat u EN 55035:2017 għat-tagħmir multimedjali. Fuq il-bażi ta' dik id-Deċiżjoni, is-CEN u s-Cenelec irrevedew l-istandards armonizzati EN 13309:2010 għall-magni bi provvista tal-elettriku interna u EN 50557:2011 għas-salvaviti, li r-riferenzi tagħhom huma ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]), sabiex jadattawhom għall-progress tekniku.

(4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u mas-Cenelec, ivvalutat jekk l-istandards EN IEC 61058-1:2018, EN 55035:2017, EN ISO 13766-1:2018 u EN 63024:2018 jikkonformawx mat-talba stipulata fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2016) 7641.

(5) L-istandards EN IEC 61058-1:2018, EN 55035:2017, EN ISO 13766-1:2018 u EN 63024:2018 jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru u li huma stipulati fid-Direttiva 2014/30/UE. Għalhekk huwa xieraq li jiġu ppubblikati r-referenzi għal dawk l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(6) Is-Cenelec abbozzat ir-rettifika EN 61000-6-5:2015/AC:2018-01 li tikkoreġi l-istandard armonizzat EN 61000-6-5:2015 li r-referenza tiegħu hija ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni* ([5]). Minħabba l-fatt li r-rettifika tintroduċi korrezzjonijiet tekniċi sostanzjali u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u konsistenti tal-EN 61000-6-5:2015, huwa xieraq li tiġi ppubblikata r-referenza tal-istandard armonizzat flimkien mar-referenza tar-rettifika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) L-istandards EN 13309:2010 u EN 50557:2011 ġew riveduti u l-istandard EN 61000-6-5:2015 ġie kkoreġut. Għalhekk, huwa meħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sabiex il-manifatturi jkollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni tal-istandards riveduti u kkoreġuti, jeħtieġ li jiġi pospost l-irtirar tar-referenzi għal dawk l-istandards.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([2]) Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2016) 7641 tat-30 ta' Novembru 2016 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika u lill-Istitut Ewropew tal-Istandards tat-Telekomunikazzjoni fir-rigward tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-kompatibilità elettromanjetika.
([4]) ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.
([5]) ĠU C 246, 13.7.2018, p. 1.

(8) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-kompatibilità elettromanjetika abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE u elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Ir-referenzi tal-istandards armonizzati għall-kompatibilità elettromanjetika abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2014/30/UE u elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan irtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Nru ta'	Referenza tal-istandard
1.	EN ISO 13766-1:2018 Makkinarju għaċ-ċaqliq tat-terrapien u għall-kostruzzjoni tal-bini — Kompatibbiltà elettromanjetika (EMC) tal-magni bi provvista tal-elettriku interna - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali tal-EMC f'kundizzjonijiet elettromanjetiċi u ambjentali tipiċi (ISO 13766-1:2018)
2.	EN 55035:2017 Kompatibilità elettromanjetika għat-tagħmir multimedjali — Rekwiżiti ta' immunità
3.	EN 61000-6-5:2015 Kompatibilità elettromanjetika (EMC) — Parti 6-5: Standards ġeneriċi — Immunità għal tagħmir li jintuża fl-ambjent ta' stazzjon u substazzjon tal-enerġija. EN 61000-6-5:2015/AC:2018-01
4.	EN IEC 61058-1:2018 Swiċċijiet għall-apparati — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali
5.	EN 63024:2018 Rekwiżiti għal apparati li jingħalqu awtomatikament (ARDs) għal salvaviti, RCBOs u RCCBs għal użijiet domestiċi u użijiet simili (IEC 63024:2017, immodifikat)

ANNESS II

Nru ta'	Referenza tal-istandard	Data tal-irtirar
1.	EN 13309:2010 Makkinarju tal-kostruzzjoni — Kompatibilità elettromanjetika ta' magni bi provvista tal-elettriku interna	30 ta' Ġunju 2021
2.	EN 50557:2011 Rekwiżiti għal apparati li jingħalqu awtomatikament (ARDs) għal salvaviti-RCBOs-RCCBs għal użijiet domestiċi u użijiet simili	17 ta' Jannar 2021
3.	EN 61000-6-5:2015 Kompatibilità elettromanjetika (EMC) — Parti 6-5: Standards ġeneriċi — Immunità għal tagħmir li jintuża fl-ambjent ta' stazzjon jew substazzjon tal-enerġija.	31 ta' Jannar 2020